MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2241/2003

**Mirya Limited**

**vs**

**John Peresso Aluminium Limited u John Peresso**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Novembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sitta u tletin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm336.80) rapprezentanti xoghol ta' hgieg li s-socjeta' attrici bieghet lill-konvenut fis-snin 2000 u 2001.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fil-5 ta' Dicembru, 2003, fejn intqal, illi preliminarjament John Peresso personalment ghandu jigi liberat mill-**

**osservanza tal-gudizzju stante li m'ghandux relazzjoni legali mas-socjeta` attrici;**
**Illi di piu`, anke kieku, fir-rigward tal-konvenut personalment dan mhux integru stante li m'hemmx referenza ghall mart il-konvenut;**
**Illi fir-rigward tas-socjeta` konvenuta id-dejn ghandu jigi ppruvat;**
**Illi di piu`, jekk hemm dejn dovut illum dan hu preskritt;**
**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk hemm obbligu finanzjarju dan hu kontestat u l-istess socjeta` attrici trid tipprova l-ammont veru;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**
**Ra n-nota tal-konvenut prezentata fid-29 ta' Ottubru, 2004 fejn gie rilevat li l-artikoli rilevanti tal-preskrizzjoni huma l-Artikoli 2148(a) u 2149 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Semgha x-xhieda ta' Henry Battistino. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostnazi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din id-decizjoni qed tigi limitata ghall-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni, u cioe li l-azzjoni hi preskritta a tenur tal-Artikoli 2148(a) u 2149 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**2. L-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili (Kap.16) jipprovdi hekk:**
**"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' tmintax-il xahar:**
**(a) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu."**

**Pero` kif gie ritenut mill-Qrati taghna din il-preskrizzjoni ma hix applikabbli ghall-min qieghed jezercita impriza, bhal ma hija qed taghmel fil-fatt is-**

**socjeta` attrici, izda se mai kienet tapplika dik ta' sentejn.**
**L-Artikolu 2149 (a) tal-Kap 16 jipprovdi li jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn l-azzjonijiet:**
**"…………., u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xogholijiet ohra tal-injam, gebel jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu."**

**L-ewwel imsemmija disposizzjoni tapplika ghall-krediti tal-artefici li jipprestaw l-opra taghhom filwaqt illi t-tieni preskrizzjoni tirriferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra jipprestaw xoghol – "opus" – minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xogholijiet, u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet……." (Domenico Bezzina pro et noe vs John Said  - dec.4.3.1958 – Vol.XLII –1152).**

**3. F'dan il-kaz l-Artikolu rilevanti huwa l-Artikolu 2149(a) tal-Kap.16. Jirrizulta li l-ahhar invoice dwar ix-xogholijiet igib id-data tal-24 ta' April, 2000, filwaqt li l-ahhar pagament sar fis-7 ta' April, 2000. Is-socjeta` attrici kienet harget statement li jgib id-data tat-22 ta' Mejju, 2000, Dok.HB2. Jirrizulta wkoll li fit-22 ta' Mejju, 2002, l-attur kien kiteb lis-socjeta` attrici, Dok.HB1, fejn intqal li J. Peresso Ltd qed titlob kopji ta' invoices li Mirya Limited qed tghid li kellha pendenti. Din fiha nnfisha tammonta ghall- accettazzjoni li kien hemm xi ammonti dovuta, u konsegwentement tinterrompi l-perijodu preskrittiv.**
**4. Jirrizulta li l-azzjoni intentata fil-fatt saret entro it-terminu, u ma hiex preskritta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata a tenur tal-Artikolu 2148 (a) u 2149 tal-Kap.16 u jordna l-prosegwiment fil-meritu.**

**L-ispejjez ta' dina d-decizjoni riservati ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------